# Ir-Rewwixta tal-Qassisin ta' l-1775

## *(u l-Involviment Żebbuġi)*

© **Eric Bonanno B.Ed. (Hons.)**

Il-Granmastru Portugiż *Fra Emmanoel Pinto de Fonseca* (1741-1773) baqa' msemmi għall-ħela u t-tberbiq li bihom żewwaq ir-renju tiegħu, tant li wara mewtu ħalla problemi finanzjarji kbar lis-suċċessur tiegħu, il-Granmastru Aragoniż *Fra Francisco Ximenes de Texada* (1773-1775).

Ximenes għaraf x'sitwazzjoni kienu fiha l-Ordni u l-gżejjer Maltin, u għalhekk, b'fini tajba, għamar li jinżammu lura ħafna ħlasijiet biex jitnaqqsu xi spejjeż. Naqqas il-pagi, u anke tefa' l-obbligu fuq dipartimenti tal-gvern biex iħallsu fejn qabel ma kienux jagħmlu dan. Sar xħieħ anke miegħu nnifsu ħalli jagħti l-eżempju lill-oħrajn.

Barra dawn il-passi u oħrajn eħrex, miżuri li l-aktar li bdew jaffettwaw il-popolazzjoni kienu l-għoli fil-prezz tal-qamħ u l-projbizzjoni tal-kaċċa għall-fenek tal-liebru[1] (Fig. 1) u tal-ħamiem; liġi li ħarġet fl-14 ta' Frar 1773[2]. Din kienet daqqa ta' ħarta kbira għall-imsejkna Maltin għax il-kaċċa minn dejjem kienet isservi ta' għajnuna kbira għall-għajxien tagħhom, speċjalment fi żminijiet ta' għaks. Biex ikun żgur li ħadd minn ebda klassi soċjali ma jabbuża, Ximenes għalaq b'xatbiet il-postijiet kollha tal-kaċċa. Ħadd ma seta' juża xkubetti, nases jew klieb tal-kaċċa (Fig. 2), jisraq il-bajd tal-ħamiem jew jaqta' l-ħaxix li jieklu l-fniek; u dan taħt piena ta' priġunerija għal tliet snin bħala qaddief fuq ix-xwieni ta' l-ordni.



*Fig. 1.*
***Il-fenek tal-liberu li kien introdott f'Malta għal skop ta' kaċċa.***

Biex tgħaxxaqha, Ximenes xtara aktar fniek minn Sqallija u qamet agħa kbira fost il-bdiewa Maltin għax beżgħu li dawn il-fniek kollha kienu ser jiklulhom l-uċuħ tar-raba' tagħhom.

Biss, l-akbar kedda ħaduha l-kjerċi u l-qassisin li ħadu l-liġijiet ta' Ximenes b'offiża personali, speċjalment meta raw lil xi kavallieri jikkaċċjaw bil-permess tal-falkunier[3].

Dan l-aġir qajjem piki u sfidi kbar bejn l-Ordni u l-Knisja. Il-ġuħ żdied u l-biċċa l-kbira tal-Maltin żammew mal-Knisja u kontra l-Ordni. Kien hemm tgħajjir aħrax miż-żewġ naħat, u kemm il-Knisja u kemm l-Ordni bdew jitfgħu s-sudditi ta' xulxin fil-ħabsijiet tagħhom bl-addoċċ. Rapporti li twasslu Ruma wasslu għat- tneħħija ta' l-Isqof Mons. Giovanni Carmelo Pellerano (1770-1775)[4].

Il-qiegħa saħnet sewwa, speċjalment wara li l-Isqof safa mwarrab bil-pulit, tant li nhar it-8 ta' Settembru 1775 ġemgħa ġmielha, l-aktar ta' kjerċi u qassisin, taħt it-tmexxija ta' Dun Gejtanu Mannarino (Fig. 3) u Dun Ġużepp Zahra[5] ftiehmu biex l-għada jaħtfu taħt idejhom il-forti ta' Sant Iermu u l-forti



***Fig. 2.***
***Inċiżjoni tas-seklu 18 li turi kapural ta' l-ordni jammoni kaċċatur talli qabad fenek kontra l-liġi.***

Kavallier tal-belt Valletta ħalli jbdew rewwixta kontra l-Ordni bit-tama li jikkonvinċu 'l-Ximenes li jraħħas il-qamħ[6]. Dan għax kif irraġunaw huma, wara jum ta' ċelebrazzjonijiet ta' tifkira tar-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir, is-suldati ta' l-Ordni kienu jkunu għadhom għajjenin u ma joffrulhomx reżistenza qawwija.

F'dokument kopja ta' ieħor ta' l-epoka[7] (Fig. 4.) jissemmew dawn bħala nvoluti fir-rewwixta:

## Fil-Forti Sant Iermu

D. Gejt Mannarino,
D. Salvatore Velasti mill-Furjana,
D. Salvatore Fiteni minn Ħaż-Żebbuġ,
D. Ġwann Bonanno minn Ħaż-Zebbuġ,
D. Stiefnu Zarb mill-Furjana,
K. Stiefnu Parnis,
K. Alessandro Tonna mill-Furjana,
K. Francesco Magri *ta' Frakass* minn Naxxar,
K. Giuseppe Dimech-Testaferrata minn Ħal Lija,
K. Francesco Farrugia *ta' Matri Matri* minn Naxxar,

Giuseppe Bonello, lajk,
Francesco Cassar, lajk,
Giuseppe Delicata, lajk,
Giuseppe Maxta, lajk,
Gioacchino Capello, lajk,
Nicola Damiano, lajk,
Calcedonio Azzopardi, lajk[8].

## Fil-forti San Ġakbu

K. Pasquale Balzan, Ċerimonjier mill-Furjana,
Michele Tonna, gwardjan ta' funtana minn Ħal Lija,
Claudio Satariano, landier mill-belt Valletta,
D. Alessandro Farrugia minn Birkirkara,
D. Giuseppe Attard minn Bormla,
D. Carmine Borg mill-belt Valletta,
K. Pietro Balzan mill-Furjana,
K. Badatt.

Il-ħtif tal-fortizzi sar kif kien miftiehem għall-ħabta tal-5 ta' filgħodu tad-9 ta' Settembru. Biss, minkejja li r-ribelli stennew li mas-sinjal tal-ħtif, li kellu jkun żewġ tiri ta' kanun u t-tlugħ ta' standardi ġodda flok ta' L-Ordni, il-poplu jqum u jingħaqad magħhom kontra l-Ordni, dan ma seħħx. Mhux hekk biss, iżda s-suldati ta' l-Ordni ngħataw l-għajnuna ta' l-ekwipaġġ kollu ta' bastiment Franċiż li nzerta kien fil-port. Anke s-suldati tal-milizja daru kontra r-ribelli.

Fi żmien qasir is-sitwazzjoni reġgħet waqgħet taħt il-kontroll ta' l-Ordni u r-ribelli sfaw arrestati. Fuq San Ġakbu kien spiċċa maqtul il-Kavallier M. Corio[9] waqt li fil-forti Sant Iermu Dun Salv Velasti spiċċa ferut għall-mewt mill-Kavallier gvernatur ta' l-istess forti[10].

Għal għemilhom dawk li nstabu ħatja pattew tassew bil-qares.

F'wiċċ din is-sitwazzjoni l-aġir ta'

Ximenes (Fig. 5) kien ikrah u aktar dawwar il-poplu Malti kontrih. Lil Pasquale Balzan, Michele Tonna u 'l Claudio Satariano qatgħulhom rashom u waħħluhielhom fuq il-ponta ta' tliet lanez fuq is-sur ta' fuq il-foss ta' San Ġakbu bħala twiddiba għal min seta' jkollu xi ħsieb ta' xi ħaġ' oħra simili[11]. Hu żgur li lill-aħħar ħamsa minnhom eżiljawhom lejn Sqallija biex jeħilsuhom mill-mewt li riedu jagħtuhom il-kavallieri[12], lil Dun Gejt tefgħuh il-ħabs ta' Sant Iermu (u kellu jkun Napuljun li joħorġu minn hemm!) u lil Dun Ġużepp Dimech tefgħuh fil-ħabs tal-Forti Rikażli[13].

Ta' min isemmi li fil-ktieb, jissemmew persuni oħra li suppost kienu wkoll involuti fir-rewwixta. Mid-dokument ta' '*Lady Ingrate*' dan ma jirriżultax.

Niġu issa għall-qassisin Żebbuġin

Dun Ġwann Bonanno żgiċċa minn taħt idejn il-forka jew il-madmad ta' l-eżilju għax ħareġ illiberat bid-dikjarar li ma kellux x'jaqsam mar-rewwixta, anzi li kien minsub biex sab ruħu fiha.

Fid-dokument ta' '*Lady Ingrate*' hemm imniżżel hekk dwar Dun Ġwann.

"Kullħadd baqa' mmeraviljat malli semgħu li l-qassis Dun Ġwann Bonanno kien sab ruħu f'dik il-biċċa nkwiet billi hu kien raġel twajjeb u mhux xi wieħed spirituż. Hu stqarr li kien mistieden imur mal-bqija tar-ribelli bil-ħsieb li jgħaddu siegħa żmien bla ma kien jaf x'ser jiġri, biss ġara li kif sab ruħu fil-forti Sant Iermu l-oħrajn ma ħallewħx joħroġ. (*Egli confesso' d'esser stato invitato di portarsi con quella compagnia a divertimento, e cosi deluso si trovo poscia condotto in quel forte d'onde' non gli e' stato permesso uscire*.)

Din l-istqarrija tiegħu ġiet aċċettata, u kien illiberat u mibgħut id-dar.

Li kien ġara minn Dun Salv Fiteni hu bil-wisq aktar interessanti.

Dun Salv kellu l-età ta' madwar 34 sena, kien twieled f'Ħaż-Żebbuġ, u qatt ma kien instema' xejn kontra tiegħu.

Kien bniedem ta' qalb tajba ħafna, ta' kuraġġ kbir u ta' saħħa kbira.

Id-dokument ta' '*Lady Ingrate*' igħid li wara li spiċċa l-ġlied fil-forti Sant Iermu, lil Dun Salv rabtulu jdejh l-ewwel bil-ħbula tal-qanneb, wara b'oħrajn tal-ġilda u wara b'manetti tal-ħadid, imma hu qaċċat u kisser kollox. Fil-kedded li ħa biex jinħall mill-irbit kien ħabat rasu mal-ħajt b'tant qawwa li safa ferut sewwa. Minħabba f'hekk spiċċa mdawwar minn suldati armati, Kavallieri, Kaptani u pulizija biex kien akkumpanjat sa l-isptar ta' l-Ordni[14] għall-kura. Hemm inżamm marbut mal-ħajt b'katina kbira u mħares minn żewġ gwardjani armati sa ma fit-28 ta' Settembru 1775 ħarġet l-ordni biex ikun ittrasferit mill-isptar għall-forti [Sant Iermu] kif fil-fatt ġara. Biss, tant kienu ħadu prekawzjonijiet biex ma jaħarbilhomx li n-nies tgħidx kemm daħħket bihom matul it-triq.

Kienu daħlu għalih fl-isptar 30 suldat armati sa snienhom bl-ixkubetti u l-bajunetti, kif ukoll għaxar kavallieri bix-xwabel mislutin, minbarra l-kaptani u l- pulizija. Għalqu l-bibien ta' l-isptar warajhom u hemm ġewwa daru miegħu waqt li dawruh dawra mejt bil-katina li kellu marbuta ma' saqajh. Wara poġġewh fuq siġġu li kien jinġarr, infetaħ il-bieb ta' l-isptar wara li kien reġa' ġie mdawwar mill-gwardji, minn hemm reġgħu ħaduh fil-forti ta' Sant Iermu fejn



***Fig. 3.***
***Dun Gejtanu Mannarino il-mexxej tar-rewwixta.***




***Fig. 4.***
***Parti mill-manuskritt imsemmi li jagħti ħafna dettalji fuq ir-rewwixta tal-qassisin.***
***(Ħajr: Librerija Nazzjonali ta' Malta)***



***Fig. 5.***
***Il-Granmastru Ximenes***

tefgħuh f'qiegħ ta' ħabs marbut bil-ktajjen mal-ħajt u mgħasses minn sentinella doppja.

Hi tassew ħasra li f'mument tant deċiżiv, il-Maltin m'għarfux jagħtu l-appoġġ lil min kien qed ifittex il-ġid tagħhom ilkoll.

L-irvell tal-qassisin ma wassalx għall-għan li għalih kien tfassal biss wera li l-polz tal-Maltin kien diġà beda jħabbat bil-qawwi, kif kellu jidher ċar waqt l-irvell kontra l-Franċiżi (1798-1800).

It-taxxi ta' Ximenes ma naqsux, biss il-kedda li kien ħa b'din il-ġrajja u l-biża' li l-Maltin setgħu jqumu għalih u jassassinawh tefgħuh f'qabru fi żmien qasir. Miet fid-9 ta' Novembru 1775. Difnuh fil-kannierja ta' San Ġwann f'qabar sempliċi bla ebda lapida u bla monumenti.

F'qabru ħa miegħu biss l-istmerrija tal-Maltin.

---

1 Dan m'għandux x'jaqsam mal-fenek selvaġġ Malti billi dan ta' l-aħħar hu iżgħar u għalhekk inqas imlaħħam, għad li xorta kien ikun ikkaċċjat u minsub.

2 Vella, A.P., 1979, *L-istorja ta' Malta*, Malta. Vol. II, p.180.

3 L-uffiċjal ta' l-Ordni li kien joħroġ il-permessi tal-kaċċa, l-infurzar tal-liġijiet tal-kaċċa, eċċ.

4 Vella, *Ibid*, p. 181.

5 *Idem*. P. 182.

6 (N)ational (L)ibrary of (M)alta, *Libr*. 466, ff. 182-7v.

7 NLM, *Libr*. 374, f. 3v *et seq*. Dan id-dokument huwa kopja ta' manuskritt ta' l-epoka miżmum fl-arkivju ta' l-Oratorju Ta' San Filippu Neri fil-Birgu. Din il-kopja kienet irregalata lill-Bibbjoteka nazzjonali f'Marzu ta' l-1894 minn sinjura Ingliża bl-isem ta' *Lady Ingrate*.

8 Skond l-istess dokument, mil-lajki kien hemm min xogħolu kien li jbiegħ l-ilma frisk, min tal-ħobż u min tal-ħut.

9 Ġrajjet Malta (Vol. 3), 1993, Malta, p.150

10 NLM, *Libr*. 374, f. 4r.

11 *idem*, f.7v.

12 NLM, *Libr*. 374, f. 8v. Dan sar possibbli bl-indħil tal-Vigarju Ġenerali fl-assenza ta' l-Isqof. Wara Pellerano s-sede ta' l-Episkopat Malti damet 5 snin vakanti.

13 Vella, *Ibid*, p. 183.

14 i.e. is-*Sagra Infermeria*, fejn illum hemm 'Dar il-Mediterran'.